MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 553/2001/1

**Mary Ann mart Lawrence Balzan**

**vs**

**Emanuel *sive* Leslie Gladwish, Mary Rose Sciberras u Alfred Gladwish**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta’ Frar, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu kundannati li jizgumbraw mill-fond *China*, Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun, fi zmien qasir u perentorju li jigi lill-konvenuti prefiss, prevja d-

dikjarazzjoni li huma qedin jokkupaw l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' April 2001 u dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju 2001, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni, bir-riserva favur l-attrici ta' kull azzjoni ghal danni kontra l-konvenuti lilha spettanti skond il-ligi.

Ghall-fini ta' kompetenza, jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni ma jeccedix l-ammont ta' hamsin lira (Lm50) fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 10 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Preliminarjament illi l-attrici ghandha tipprova l-interess taghha fit-talbiet minnha dedotti;
2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, illi l-konvenuti ghandhom titolu validu ta' kera fuq id-dar in kwistjoni;
3. Fit-tielet lok u bla pregudizzju l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *rationae materiae*;
4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju 2002 (fol 86 ibid) u li minnu jidher li l-konvenuti rtiraw l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa minnhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici a fol 272 et seq ibid li, pero, baqghet minghajr ebda risposta (ara fol 271 u fol 281 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, b'referenza ghat-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjoni, bhala provi, jew prodotti mill-attrici is-segwenti:-

a) L-istess attrici permezz ta' 'affidavit' a fol 14 et seq ibid u in kontro ezami a fol 263 et seq ibid, xehdet illi l-post in kwistjoni kien mikri lil Anthony Gladwish, missier il-konvenuti u li miet fis-7 ta' April 2001. Meta saru jafu b'dan il-fatt, hi u zewgha Lawrence flimkien ma binhom Stephen kienu marru fl-istess post u sabu lil Mary Rose Sciberras, il-konvenuta bint l-istess Anthony Gladwish. Meta qalulha illi huma xtaqu jiehdu l-post lura l-istess Mary Rose Sciberras stqarret maghhom illi missierha kien jirrisjedi wahdu fil-post waqt li bintha, l-konvenuti l-ohrajn kienu '…. Jmorru jorqdu mieghu bil-lejl darba kull wiehed'. Inoltre huha, il-konvenut Emanuel sive Leslie Gladwish kien, filfatt, jirrisjedi f'Tal Pieta, li huha Alfred Gladwish, kien fil-procint li jibdel l-indirizz ta' residenza tieghu minn post iehor ghal dak in kwistjoni waqt li hi kellha post iehor fejn tirrisjedi. Difatti din tal-ahhar kienet tirrisjedi f'post fil-Hamrun, propjeta ta' certu Vincent Formosa, L-istess attrici tkompli tghid illi, peress li c-cavetta tal-post involut ma nghatatx lilhom kienu ntbaghtu kemm ittra legali kemm ohra ufficjali esebiti in atti 18 u fol 21, liema ittra ufficjali giet notifikata f'"Nashville", Triq Qrejten f'Tal-Pieta, ir-residenza tal-konvenut Emanuel sive Leslie Gladwish (ara fol 22 ibid) waqt li dik legali registrata giet ircevuta fl-istess post (fol 23 ibid u fol 24 ibid). Fl-ahhar nett, hi sostniet illi kienet accettat il-hlas ta' kera minghand Anthony Gladwish, missier il-konvenuti, biss (ara ukoll l-'affidavits' ta' Lawrence Balzan a fol 25 u fol 266 u ta' Stephen Balzan a fol 27 ibid kif ukoll ta' Thomas Cini, hu l-attrici a fol 28 u fol 29 ibid, kollha prodotti in sostenn ta' dak li xehdet l-attrici).

b) L-imsemmi Vincent Formosa (fol 90 u fol 99 et seq ibid) ikkonferma illi l-post appartenenti lilu f' 63, Triq Santa Marija, fil-Hamrun fil-fatt hu mikri

lill-konvenut Mary Rose Sciberras, bhala residenza taghha wahedha. Din il-kirja kienet saret f'madwar Dicembru, Jannar 2001 b'rata ta' kera ta' Lm35 fix-xahar. Pero sussegwentement, l-istess xhud kien rega' xehed u ppreciza illi l-ftehim ma din il-konvenuta kien filfatt kuntratt ta' cens kif esebit in atti a fol 101. Skond dan l-att pubbliku ix-xhud kien ikkonceda b'dan it-titolu l-post imsemmi lill-konvenut Paul Gladwish. Pero skond il-klawsola a) (fol 102 ibid) fl-istess post setghet tabita l-konvenuta Mary Rose Sciberras tul il-koncessjoni kollha ta' 21 sena. Din il-klawsola, skond ix-xhud kienet saret in vista tal-fatt illi, fil-perjodu in kwistjoni, din il-konvenuta kienet qed tissepara minn zewgha, Anthony Sciberras u ghalhekk sabiex jigi evitat inkwiet waqt din is-separazzjoni, il-kuntratt kien sar ma huha Paul Gladwish . Difatti, ic-cens jidher li jithallas direttament lilu mill-istess konvenuta.

c) Dr Noel Fenech (fol 94 et seq ibid) spjega li fil-'file' mediku tal-mejjet Anthony Gladwish, kien hemm imnizzel "The patient lives alone" u dan skond informazzjoni li tinghata mill-istess pazjent.

d) Emerenziana Agius (fol 115 et seq ibid) ufficjali ezekuttiv mal-Kummissjoni Elettorali spjegat illi, fis-7/8 ta' April 2001, id-data tal-mewt ta' Anthony Gladwish, kien hemm registrati, bhala votanti fil-post in kwistjoni, Anthony Gladwish u Emanuel Gladwish. Mid-dokument a fol 118 jidher li Emanuel Gladwish kien registrat fl-istess post sa mill-11 ta' Frar 1996 waqt li huh Alfred kien gie hekk registrat fil-5 ta' April 2001, ftit granet qabel il-mewt ta' missieru Anthony (ara ukoll fol 122 u fol 123 ibid). In rigward il-post bl-isem ta' "Nashville", fl-Imsida, ma kien hemm hadd registrat bhala votant waqt li in rigward 'Dormar' numru 48, f'Santa Lucia, mis-7 ta' April 2001 kien hemm zewg votanti registrati cjoe Mario Zammit u Mary Dorothy Zammit waqt li f'dak bin-numru 63, fil-Hamrun kien hemm registrati Simon Thomas Abela u Marcelle Abela Bartolo (ara fol 129 sa fol 148 ibid). Pero l-istess xhud giet riprodotta (fol

163 u fol 164 ibid) u dan spjegat illi Alfred Gladwish illi fil-harga tar-registru elettorali ta’ April 2001, Alfred Gladwish kien votant registrat fil-post ‘48’ f’Santa Lucija u dan mill-10 ta’ Lulju 1991 waqt li minn Ottubru 2001 gie registrat fuq il-post in kwistjoni.

e) L-Avukat Dottor Neville Young (fol 198 et seq ibid) in rappresentanza tal-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma spjega s-sitwazzjoni dwar il-postijiet imsemmija kollha residenzjali u in konnessjoni mal-persuni li huma il-konsumaturi registrati u minnu qed jgawdu mis-sussidju fuq il-konsum. In rigward il-post in kwistjoni, fis-7 ta’ April 2001, kien hemm registrat Alfred Gladwish waqt li kien jithallas sussidju lil Emanuel Gladwish mill-1996, Alfred Gladwish minn Frar 2003 u minn din l-ahhar data, Mary Rose Sciberras. In rigward il-fond “Nashville”, kien hemm registrat bhala konsumatur Emanuel Gladwish b’hadd ma juzufruwixxi minn xi sussidju’. In rigward il-post ‘Dormar’ numru 48 f’Santa Lucija, jidher li dan hu registrat fuq terzi izda hemm registrat, ghall-imsemmi sussidju Alfred Gladwish u dan sal-21 ta’ Frar 2003. Fl-ahhar nett, in rigward il-post ‘63’ fil-Hamrun, dan jinsab registrat, fuq terzi izda s-sussidju kien twaqqaf f‘April 1997.

f) Paul Busuttil (fol 210 et seq ibid) xehed dwar is-servizz tat-telefon fil-post ‘Nashville’ illi dan jinsab fuq isem Emanuel Gladwish sa mill-1983 sad-data li xehed.

Ikkunsidrat

Illi da parti tal-konvenuti xehdu:

a) Alfred Gladwish (fol 39 et seq ibid) sostna li ilu jirrisjedi fil-post in kwistjoni ma’ missieru u ommu sa mill-1943 u fid-data tal-mewt ta’ missieru Anthony li grat fit-8 ta’ April 2001, hu kien jirrrisjedi fl-istess post flimkien ma hutu, l-konvenuti l-ohrajn. L-istess konvenut kien, in kontro esami

xehed (fol 108 et seq ibid) illi bejn l-1992 u l-1995, hu kien jirrisjedi ma ohtu, l-konvenuta,f ‘Santa Lucija izda, mal-mewt ta’ ommu u peress li missieru kien baqa’ wahdu, hu kien rega’ mar jirrisjedi fil-post in kwistjoni u meta dan kien miet, kien ghadu jirrisjedi fil-istess post flimkien mal-konvenuti l-ohrajn. Inoltre, <u>xi gimgha qabel ma miet missieru</u> meta dan kien marid serjament, hu kien biddel l-indirizz ta’ residenza fuq il-karta tal-identita tieghu u dan l-indirizz kien inbidel minn dak ta’ ohtu, ghal post in kwistjoni. Bhala raguni ta’ dawn hu semma’ illi l-istess hutu kienu qalulu “jaqbilli. Qaluli li mhux imbilli qieghed hawn, forsi titlef id-dar”. Pero in rigward hlas lilu ta’ beneficcju socjali, fejn kien jircievi l-formola tat-taxxa u xi kont bankarju li kellu jidher li dawn kienu, meta miet missieru registrati fuq l-indirizz tar-residenza ta’ ohtu.

b) <u>Emanuel Gladwish</u> (fol 40 et seq bid) sostna illi mill-1941, hlief ghal perjodu bejn l-1977 u l-1979 hu kien dejjem irrisjeda fil-post in kwistjoni (ara fol 79 et seq ibid kif ukoll ix-xhieda ta’ <u>Carmen Gatt</u> deskritta bhala ‘gara’ a fol 41 u fol 244 ibid) ta’ <u>Paul Frendo</u> a fol 208 u fol 248 ibid u tat-<u>Tabib Dr Valhmor Zammit</u> a fol 240 ibid. Dan il-konvenut, <u>in kontro esami</u> (fol 253 et seq ibid) ikkonferma illi hu ghandu post iehor f’Tal-Pieta’ fejn kien gie notifikat bl-ittra ufficjali, imsemmija aktar il-fuq. Hu kkonferma ukoll illi dan l-avviz kien gie notifikat fl-istess indirizz f’Tal-Pieta (ara l-‘pink cards’ a fol 9 tal-atti) kif, del resto gara, in rigward il-konvenuti l-ohrajn. F’certu zmien hu kien issepara minn martu u dan il-post f’Tal-Pieta’ beda juzah mhux aktar bhala r-residenza tieghu izda bhala ‘studio’ u kien mar jirrisjedi ma missieru u ommu. L-istess kien gara in rigward ohtu l-konvenuta, b’zewgha jokkupa r-residenza taghha waqt li hi giet tghix mal-genituri. Ikkonferma ukoll illi ohtu kienet ‘kriet’ il-post fil-Hamrun u “ahna zammejnieh sabiex f’kaz li jinqala’ xi haga, hi jkollha l-kenn taghha”. Sussegwentement, l-istess konvenut qal, testwalment “Jiena naf li ghad-dar in

kwistjoni, l-uniku wiehed li ghandu dritt ghaliha huwa hija Alfred ghax dan mhux mizzewweg" u "Fil-fatt hija Alfred gia qal lill-ohti li jekk hu biss jirbah din il-kawza sabiex hi ddabbar rasha".

Ikkunsidrat

Illi mill-lat legali, jidher li l-konvenuti qed jibbazaw it-titolu taghhom fuq il-post in kwistjoni skond l-artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hemm indikat x'inhu 'kerrej protett' taht din il-ligi specjali, qabel l-emendi li saru u li gew in vigore' fl-1 ta' Jannar 2010 u li ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

Illi fl-artikolu citat jinghad illi 'kerrej protett' jinkludi, f'kaz ta' dar residenzjali membri tal-familja tal-inkwilin abbinat mal-kondizzjoni li dan kien jirrisjedi mal-istess inkwilin meta dan miet. F'dan il-kaz ma hemm ebda dubbju illi huma it-tfal tal-inkwilin. Izda kien jinkombi fuqhom illi, individwalment, jipprovaw illi meta miet Anthony Gladwish fis-7 jew 8 ta' April 2001 huma kienu jirrisjedu fil-post in kwistjoni skond kif jinghad a fol 273 tal-atti cjoe 'permanentement u esklusivament" kienu jirrisjedu fl-istess post.

Illi jidher ovvju ilil s-sitwazzjoni tal-konvenuti ghandha tigi esaminata individwalment kif ser jinghad:-

a) In rigward il-konvenut, Emanuel sive Leslie Gladwish jigi notat illi kien hu stess illi 'viva voce' quddiem l-istess Qorti ddikjarat in kontro esami, illi l-uniku wiehed li ghandu dritt sabiex jokkupa l-post in kwistjoni kien huh Alfred ghar-raguni specifikata minnu. Pero jigi notat illi hu ghandu post iehor disponibbli ghalih, di gja msemmi u li hu ghogbu juza dan il-post bhala 'studio'. Filfatt kull att ufficjali jew legali li sar f'dan il-kaz kien gie notifikat f'dan il-post, bil-firma relattiva ssir minnu stess.

b) In rigward il-konvenuta jigi notat illi, permezz ta' huha iehor bhala 'prestanome' kienet hadet b'titolu ta' cens, post fil-Hamrun ftit qabel ma kien miet missierha. Dan il-post ghadu disponibbli ghaliha u vojt, L-istess fatt, fil-fehma tal-Qorti jitfa' dubbju pjuttost gravi dwar jekk din il-konvenuta kienitx tghix u tirrisjedi ma' missierha fil-post in kwistjoni.
c) In rigward Alfred Gladwish sad-data tal-mewt tal-istess missieru, hu kien registrat ghall-vot, f'post f'Santa Lucija fejn tirrisjedi ohtu ma zewgha l-konjugi Zammit. Pero, meta missieru l-inkwilin kien marid serjament u madwar jumejn jew tlett ijiem qabel ma kien miet, dan il-konvenut kien ghogbu jdawwar l-indirizz ta' residenza tieghu mill-post f'Santa Lucija ghall-post in kwistjoni. Inoltre, kif hemm fuq indikat dan il-konvenut baqa' registrat, ghall-iskop ta' sussidju fuq konsum ta' dawl u ilma sal-21 ta' Frar 2003, dejjem fuq il-post f'Santa Lucija. L-istess jinghad in rigward hlas ta' beneficcju socjali li baqghu jigu indirizzati fir-residenza ta' ohtu, kif ukoll in rigward il-formola tat-taxxa fuq il-qliegh, u kontijiet bankarji.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, il-Qorti thoss, fuq bazi ta' probabilita, illi meta miet l-inkwilin f'dan il-kaz, ma hemm ebda prova, li wiehed jista' jorbot u joqghod fuqha illi l-konvenuti kienu jikkwalifikaw bhala inkwilini protetti taht il-ligi 'in materia'. Anzi jidher li l-oppost hi l-verita u li filfatt minhabba dak premess, l-istess konvenuti ma humiex intitolati ghall-protezzjoni skond l-istess ligi.

Illi, inoltre, la darba dan il-kaz, ghandu jkollu din il-konkluzzjoni, Hi din il-Qorti li hi kompetenti 'ratione materae' sabiex tiddeciedi dan il-kaz u mhux il-Bord stabbilit mill-istess ligi specjali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u :-

1) Tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw l-post ‘China’, Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun minghajr ebda titolu validu fil-ligi;
2) Tikkundanna lill-konvenuti kollha sabiex jizgumbraw mill-istess post sat-tmienja (8) ta’ April 2010.

In rigward l-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta’ April 2001, u ta’ dik ufficjali tal-15 ta’ Mejju 2001, dawn ghandhom jithallsu terz (1/3) kull wiehed mill-istess konvenuti.**”**

L-appell tal-konvenuti minn din is-sentenza hu bazat fuq il-kontestazzjoni illi l-ewwel Qorti skartat ghal kollox id-drittijiet legali taghhom bhala wlied l-inkwilin missierhom li mieghu kienu jghixu fiz-zmien tal-mewt tieghu. Barra minn dan huma jidhrilhom li gew aggravati wkoll ghal fatt li dik l-istess Qorti skartat il-provi taghhom tax-xhieda prodotti minnhom konfermanti dik ir-residenza taghhom fil-fond mikri lil missierhom;

Ma jista’ qatt ikun negat illi kwestjonijiet tax-xorta hawn devoluti b’dan l-appell huma spiss delikati, jekk mhux ukoll ikkumplikati. Ara “**Joseph Muscat -vs- Josephine Camilleri**”, Appell Inferjuri (Ghawdex), 15 ta’ Lulju, 2009. Dan ghal raguni evidentissima illi, kif ritenut, “minn banda l-wahda l-gudikant irid joqghod attent li ma jippregudikax izzejjed lis-sidien b’konfiska *in aeternum* tal-proprjeta` taghhom. Mill-banda l-ohra jrid jassikura li l-okkupant ma jsibx ruhu f’nofs it-triq”. (“**Victor Gauci -vs- Vincenzo Tabone**”, Appell, 14 ta’ Dicembru, 1956). Fl-ahhar mill-ahhar, kif ukoll osservat, trattasi li r-residenza hi *quid facti*, hafna jiddependi mill-apprezzament tac-cirkustanzi mill-gudikant (“**Dottor John Agius M.D. -vs- Marlene mart Dottor Henry Copperstone *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 25 ta’ Mejju, 1966) u, s’intendi wkoll, fejn ghandu jxaqleb il-mizien tal-preponderanza tal-probabilitajiet kompetittivi ghat-tnissil fil-gudikant tac-certezza morali u tal-konvinciment tieghu. Ara “**Diane Harvey *nomine* -vs-**

**Concetta Attard**", Appell Kummercjali, 11 ta' Gunju, 1968;

Brevement kompendjati l-fatti ewlenin tal-kawza jipprezentaw dan il-kwadru:-

1. Il-fond *de quo* kien mikri lil Anthony Gladwish li miet fit-8 ta' April, 2001. Skond ir-rikorrenti sidien fil-mument tal-mewt tieghu l-ebda wiehed mit-tliet konvenuti ma kien effettivament jirrisjedi mieghu ghax dan kien jghix wahdu. Huma, anzi, jiddikjaraw fuq dak rakkontat lilhom mill-konvenuta Mary Rose Sciberras illi l-konvenuti l-ohra hutha kienu joqghodu band'ohra, mentri fil-kaz taghha instab li din kellha r-residenza taghha f'fond iehor separat fil-Hamrun. Ara Affidavit ta' l-appellat a fol. 14, dawk ta' zewgha Laurence a fol. 25, ta' binha Stephen (fol. 27) u ta' huha Thomas Cini a fol. 28;

2. Ghas-sostenn tal-fatt illi d-decujus kien jghix wahdu gie prodott it-Tabib Dr. Noel Fenech (fol. 94) li xehed li skond is-Social History ta' l-inkwilin meta ddahhal l-Isptar, u fuq l-istess dikjarazzjoni tieghu, "*the patient lives alone*";

3. Agguntivament, ix-xhud Emerenzjana Agius (fol. 115 u fol. 163) rapprezentanti tal-Kummissarju Elettorali tghid li fis-7 ta' April, 2001 oltre l-inwklin kien registrat bhala votant il-konvenut Emanuel Gladwish, mentri huh Alfred gie hekk registrat b'effett mill-5 ta' April, 2001, ghaliex qabel kien registrat fuq il-fond ta' Santa Lucija fejn kienet toqghod ukoll ohtu l-ohra Mary Dorothy Zammit. Skond ix-xhud Vincent Formosa (fol. 90), Mary Rose Sciberras kienet toqghod fil-fond proprjeta` tieghu fil-Hamrun;

4. Hekk ukoll skond Dr Neville Young ghal Water Services Corporation (fol. 198) jinghad illi fil-fond lokat lill-konvenut Alfred kien registrat bhala konsumatur b'effett minn Frar 2003 u Mary Rose mill-istess xahar. Jinghad ukoll illi fuq il-post ta' l-Imsida sive Pieta` kien registrat il-konvenut Emanuel, mentri ghal finijiet tas-sussidju Alfred

kien registrat fuq il-fond ta’ Santa Lucija sal-21 ta’ Frar, 2003;

5. Il-konvenuti minn naha taghhom isostnu li huma kienu jirrisjedu fl-istess fond ma’ missierhom. Ara Affidavits taghhom a fol. 39 u fol. 40. Fil-kaz ta’ Emanuel Gladwish dan jghid li mar joqghod fid-dar ma’ missieru wara li nfired minn ma’ martu u l-post tal-Pieta` kkonvertih fi “studio”. Rilevanti li jigi notat ukoll illi ghal darba, darbtejn dan l-istess xhud jistqarr testwalment dan: “jien naf li ghad-dar in kwestjoni (l-fond mikri) l-uniku membru li ghandu dritt ghaliha huwa hija Alfred ghax dan mhux mizzewweg” u “hu l-uniku wiehed li m’ghandux dar” (ara deposizzjoni tieghu minn fol. 256 sa fol. 259);

6. Ix-xhieda Carmen Gatt (fol. 41 u fol. 244), Paul Frendo (fol. 208 u fol. 248) u t-Tabib Valhmor Zammit (fol. 240) jikkonfermaw illi huma kienu jaraw lill-konvenuti fil-fond;

Esposti dawn il-fatti, jibda biex jigi sottolinejat bhala osservazzjoni ta’ dritt illi fil-kaz ikkontemplat l-oneru tal-prova ta’ l-effettiva residenza ma’ l-inkwilin hu mill-bidu sa l-ahhar gravat fuq il-konvenuti ghaliex huma dawn li jippretendu li ghandhom jikkwalifikaw fid-definizzjoni ta’ “kerrej” skond l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69. Jekk huma din il-prova ma jirnexxielhomx jaghmluha b’mod attendibbli u kredibbli li jwasslu lill-Qorti ghall-formazzjoni ta’ dak il-konvinciment ragjonveoli li jissufraga d-difiza taghhom, il-pretensjoni taghhom ghall-protezzjoni akkordata mil-ligi specjali hi destinata li tfalli in kwantu jkun ifisser illi huma ma jkunux issodisfaw il-fatt kostituttiv favorevoli ghalihom imqieghed ghab-bazi ta’ l-eccezzjoni taghhom u hekk intiz biex jikkontrasta l-pretiza ta’ l-attrici (*reus in excipiendo fit actor*);

Wara li ezaminat il-provi kollha prodotti u rriflettiet fuq il-portata valutattiva taghhom din il-Qorti tistqarr illi fic-cirkustanzi ma ssibx raguni biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta fis-sentenza appellata. Proprju fuq

il-bazi tal-preponderanza tal-probabilita`, hekk meqjusa bhala l-kriterju l-aktar idoneju riferibilment ghall-provi f'materja civili, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi:-

1. Il-fatt li l-konvenuti kienu jaccedu fil-fond ta' l-inkwilin missierhom biex jiehdu kura tal-bzonnijiet tieghu u anke jorqdu mieghu, wara l-mewt ta' ommhom, trattasi li l-istess missierhom kien bniedem anzjan u marid, ma jfisserx illi f'dak il-fond huma b'hekk iffissaw ir-residenza ordinarja taghhom. Kif ahjar imfisser "residenza ordinarja timplika permanenza u abitwalita u li b'definizzjoni teskludi l-possibilita li wiehed kien fiz-zmien rilevanti joqghod band'ohra". ("**Carmelo Agius -vs- John Agius**", Appell Inferjuri, 2 ta' Dicembru, 1994);

2. Il-provi fil-kaz prezenti juru li kull wiehed mill-konvenuti wkoll fil-mument tal-mewt ta' l-inkwilin missiehrom kellhom residenza ordinarja band'ohra u kienet f'dawn li huma organizzaw hajjithom. Hu proprju f'dan is-sens partecipattiv tal-godiment tal-fond li hi intiza l-espressjoni "joqghod mal-kerrej fiz-zmien tal-mewt tieghu" skond l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69, u mhux f'xi sens iehor, kazwali jew saltwarju. Ara "**Carmelo Debono -vs- Vincenzo Zahra**", Appell Inferjuri, 20 ta' April, 1963, "**Dr. Charles Galea *nomine* -vs- Franca Pia Di Donna**", Appell Inferjuri, 17 ta Marzu, 2003 u "**Doris Mizzi *et* -vs- Jane Bonnici**", Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, 19 ta' Jannar, 2010 per Magistrat Anthony Ellul;

3. Il-Qorti ma tistax ma taccettax dak li kkonfessat il-konvenuta Mary Rose Sciberras *a tempo debito* mas-sid immedjatament wara l-mewt ta' missierha ghaliex din, skond kif dikjarat minn huha Emanuel, hi persuna "fidila" jew kif issa sottomess fil-korp ta' l-appell "m'hijiex fil-kapacitajiet mentali taghha kollha". Ugwalment, il-Qorti ma tistax lanqas tiskarta l-fatt mistqarr illi l-konvenut Alfred Gladwish attiva ruhu biex jaqleb l-Identity Card fuq il-fond ta' missieru xi gimgha qabel ma miet ghaliex dejjem skond hu, hutu qalulu li "jaqbillu" jaghmel hekk (ara xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 108). Similment, ma tistax tinjora lanqas illi certu tibdil ta'

dokumenti bhar-registrazzjoni tal-vot jew dak tar-registrazzjoni *qua* konsumaturi tas-servizz tad-dawl u ta' l-ilma gie mill-konvenuti eskogitat wara d-decess tal-missier. Ara xhieda ta' Emerenzjana Agius u ta' Dr. Neville Young;

4. B'aktar forza mbaghad mhix lanqas accettabbli l-proposizzjoni illi d-dritt ghal kontinwazzjoni ta' l-inwklinat tal-fond *de quo* kien jispetta lil Alfred Gladwish ghaliex dan kien l-uniku wiehed mhux mizzewweg u m'ghandux dar. Din il-qaghda, ispirata minn semplici xewqa jew konvenjenza ghal dik ir-raguni, ma jistax ikollha riskontru guridiku posittiv skond il-precett tal-ligi specjali. Dan ghaliex pretiza bhal din ma tistax toghla ghal-livell ta' dak l-interess protettiv tutelat skond il-previzjoni tal-Kapitolu 69.

Ghal konsiderazzjonijiet kollha fuq esposti din il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenuti appellati. Iz-zmien ta' xahrejn prefiss mill-ewwel Qorti ghal skop ta' zgumbrament tal-konvenuti mill-fond *de quo* jibda jghaddi mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------